# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru, 2016.**

**Talba Nru: 417/2016PA**

**Go p.l.c.**
**vs**

**CARUANA Roberta**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-3 t'Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' ħames mija u ħamsa u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€535.12ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40124231, bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2038/15, u bl-imgħaxijiet legali mid-29 ta' Ottubru 2015, data tal-preżentata tal-imsemmija ittra.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament prospett tal-ħlasijiet mitluba (Dok.'A'); kopja tal-kuntratt relattiv (Doki.'B1' u 'B2'); estratt mir-Reġistru Elettorali (Dok.'C') u kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fid-29 ta' Ottubru 2015 (Dok.'D').

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ fit-28 ta’ Ottubru 2016, pero’ baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fis-17 ta’ Novembru 2016 (fol. 12), is-soċjeta’ attriċi ppreżenta nota ta’ ċessjoni dwar it-talba fil-mertu, pero’ zammet ferm it-talba għall-ispejjeż.

Ra li fl-udjenza tat-23 ta’ Novembru 2016, Melanie Pace, *Credit Control Officer* mas-soċjeta’ attriċi, xehdet bil-ġurament li l-konvenuta ħallset is-somma mitluba b’din il-kawża fis-16 ta’ Novembru 2016.

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta’ attriċi għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallasha s-somma ta’ €535.12ċ ġiet ċeduta fil-mori tal-kawża, u għalhekk it-Tribunal qed jastjeni milli jieħu aktar konjizzjoni tagħha.

Dwar l-ispejjeż u l-imgħax, jirriżulta li s-soċjeta’ attriċi ma kellhiex mod ieħor kif tinforza l-jedd tagħha għall-ħlas, u kienet kostretta tipproċedi kemm bl-ittra uffiċjali eżekuttiva, u anke bl-Avviż tat-Talba, u għalhekk il-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż tal-istess. Kwantu għall-imgħaxijiet, it-Tribunal iqis li billi s-soċjeta’ attriċi ma nnotifikatx lill-konvenuta bl-ittra uffiċjali, u tenut kont ukoll li d-debitu in kwistjoni kien ta’ natura ċivili, l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa’ limitatament din it-talba tal-attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha l-ispejjeż ta’ din il-kawża, flimkien mal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali eżekuttiva nurmu 2038/15, u l-imgħax legali fuq is-somma mitluba b’din il-kawża, u mħallsa mill-konvenuta fil-mori ta’ din il-kawża, b’effett mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv fis-16 ta’ Novembru 2016.

**Avukat Phyllis Aquilina, LL.D.**

**Ġudikatur**